BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 8/2009**

**Awwissu 2009**

L-istatistika monetarja għax-xahar ta' Awwissu 2009 maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta turi li l-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet bi EUR15.1 miljun f'Awwissu, meta mqabbla max-xahar ta' qabel, biex laħqet EUR8,622.4 miljuni. Minkejja dan, din il-kontribuzzjoni kienet 1.2% anqas mill-livell ta' sena ilu. Fix-xahar ta' qabel it-tnaqqis fuq bażi annwali kien anqas aċċentwat fil-livell ta' 0.9%.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) ta' Malta żdied bi EUR43.0 miljun, jew 1.0%, matul ix-xahar, wara żieda fid-depożiti *overnight*. Dawn kibru b'EUR39.8 miljun, jew 1.1%, l-aktar minħabba li telgħu l-bilanċi miżmuma minn individwi Maltin. B'kuntrast, id-depożiti *overnight* miżmuma minn residenti oħra taż-żona tal-euro naqsu. Sadanittant, f'Awwissu, il-flus maħruġa żdiedu bi EUR3.1 miljuni, jew 0.5%. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 telgħet għal 8.6% minn 7.1% f'Lulju.

Iż-żieda fl-M1 wasslet għal tkabbir fil-komponent monetarju intermedju (M2) ta' EUR11.6 miljun, jew 0.1%, f'Awwissu, minkejja waqgħa fid-depożiti marbuta għal żmien qasir. B'hekk, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas waqgħu bi EUR31.5 miljun, jew 0.7%, fejn kien hemm tnaqqis sostanzjali fil-kategorija tar-residenti lokali, partikolarment dawk miżmuma minn individwi. B'riżultat ta' dan, ir-rata ta' tnaqqis, sena b'sena, tad-depożiti ta' residenti Maltin li ntrabtu għal sentejn jew anqas kompliet tippersisti b'rata ta' tkabbir negattiv ta' -9.3% f'Awwissu, mqabbla ma' -6.2% f'Lulju. B'kuntrast ma' dan, id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas telgħu bi ftit.

B'kollox, id-depożiti ta' residenti lokali ċkienu b'EUR26.5 miljun f'Awwissu. Għalhekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom inbidlet f'waħda negattiva b'waqgħa għal -0.8% minn rata pożittiva ta' 0.2% f'Lulju. Parti minn din il-waqgħa fid-depożiti tar-residenti ġrat minħabba x-xiri ta' titoli minn individwi wara l-ħruġ ta' stokk ġdid tal-Gvern matul ix-xahar. Madankollu, bħalma ġara fix-xhur li għaddew, kompla ċ-ċaqliq minn depożiti marbuta għal żmien qasir għal depożiti *overnight*, u dan minħabba li fl-ambjent prevalenti ta' rati ta' imgħax estremament baxxi, l-iżvantaġġ finanzjarju li żżomm l-assi monetarji li huma l-aktar likwidi naqas sostanzjalment.

Is-self lil residenti ta' Malta kiber b'EUR69.6 miljun f'Awwissu, minħabba żieda fis-self mis-settur tal-gvern ġenerali. Dan tela' b'EUR79.9 miljun, jew 4.2%, hekk kif l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) żiedu l-ammonti ta' Bills tat-Teżor u stokks tal-Gvern Malti. B'kuntrast ma' dan, is-self lil residenti Maltin oħra ċkien b'EUR10.3 miljuni, jew 0.1%, għalkemm ġiet irreġistrata żieda fis-self lill-individwi. It-tnaqqis fis-self lis-settur kummerċjali kien innotat fis-setturi kollha, partikolarment fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, fis-settur tal-proprjetà, kiri u negozju, u fis-settur tat-

trasport, ħażna u komunikazzjoni. Is-self lill-individwi, primarjament għall-iffinanzjar ta' xiri ta' djar, baqa' pjuttost għoli b'żieda ta' 0.7% fuq ix-xahar ta' qabel. Fuq bażi annwali, is-self mill-banek minn residenti Maltin tela' għal 11.9% f'Awwissu minn 10.2% f'Lulju. Minħabba li matul ix-xahar is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro żdied b'EUR60.9 miljun, iż-żieda globali fis-self lil residenti taż-żona tal-euro telgħet għal EUR130.5 miljun f'Awwissu.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u residenti barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR444.7 miljun, jew 6.8%, f'Awwissu, minħabba żieda qawwija fl-obligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro u tnaqqis fl-obligazzjonijiet lejhom. Filwaqt li r-raġuni għal tal-ewwel kienet primarjament żieda fid-depożiti miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro u żieda fl-ammont miżmum ta' titoli li nħarġu minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro, ir-raġuni tal-aħħar kienet primarjament minħabba li naqsu d-depożiti fissi ta' banek barra ż-żona tal-euro u ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 li jirriflettu l-iktar transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro, żdiedu b'EUR560.1 miljun, jew 5.6%, f'Awwissu, hekk kif l-obbligazzjonijiet l-oħra netti żdiedu sew minħabba tnaqqis qawwi fl-assi.

Fir-rigward tal-livelli tar-rati tal-imgħax, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata kif applikata minn banek residenti fuq depożiti ta' klijenti naqset b'10 punti bażi għal 1.67% matul ix-xahar, filwaqt li r-rata tal-imgħax medja ppeżata applikabbli għal self baqgħet l-istess jiġifieri 4.48%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta*** **www.centralbankmalta.org**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Aww-09 | Lul-09 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-08 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,204.1** | **4,161.2** | **43.0** | **1.0** | **3,872.4** | **331.7** | **8.6** |
| Flus maħruġa[3] | 1.1 | 622.0 | 618.9 | 3.1 | 0.5 | 628.5 | -6.5 | -1.0 |
| Depożiti *overnight* [4] | 1.2 | 3,582.1 | 3,542.3 | 39.8 | 1.1 | 3,243.9 | 338.2 | 10.4 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,497.4 | 3,452.1 | 45.3 | 1.3 | 3,126.6 | 370.8 | 11.9 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,713.3** | **8,701.7** | **11.6** | **0.1** | **8,892.0** | **-178.7** | **-2.0** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,204.1 | 4,161.2 | 43.0 | 1.0 | 3,872.4 | 331.7 | 8.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 110.8 | 110.8 | 0.1 | 0.1 | 115.6 | -4.7 | -4.1 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 110.8 | 110.7 | 0.1 | 0.1 | 115.5 | -4.7 | -4.1 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,398.3 | 4,429.8 | -31.5 | -0.7 | 4,904.0 | -505.7 | -10.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 4,218.4 | 4,290.3 | -71.9 | -1.7 | 4,650.6 | -432.2 | -9.3 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **8,622.4** | **8,607.3** | **15.1** | **0.2** | **8,722.8** | **-100.5** | **-1.2** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,713.3 | 8,701.7 | 11.6 | 0.1 | 8,892.0 | -178.7 | -2.0 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | -90.9 | -94.4 | 3.5 | -3.7 | -169.2 | 78.3 | -46.3 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **12,230.3** | **12,099.8** | **130.5** | **1.1** | **11,939.6** | **290.7** | **2.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 2,705.8 | 2,552.9 | 153.0 | 6.0 | 1,895.8 | 810.1 | 42.7 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 1,962.9 | 1,883.0 | 79.9 | 4.2 | 1,505.8 | 457.1 | 30.4 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 9,524.5 | 9,547.0 | -22.5 | -0.2 | 10,043.8 | -519.3 | -5.2 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,461.3 | 7,471.6 | -10.3 | -0.1 | 6,925.5 | 535.8 | 7.7 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **6,975.6** | **6,531.0** | **444.7** | **6.8** | **8,964.4** | **-1,988.8** | **-22.2** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 25,756.2 | 25,354.3 | 401.9 | 1.6 | 28,455.8 | -2,699.6 | -9.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 18,780.6 | 18,823.3 | -42.7 | -0.2 | 19,491.3 | -710.8 | -3.6 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **10,583.6** | **10,023.5** | **560.1** | **5.6** | **12,181.2** | **-1,597.6** | **-13.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 541.5 | 548.4 | -6.9 | -1.3 | 474.0 | 67.5 | 14.2 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 5,185.7 | 5,014.9 | 170.8 | 3.4 | 4,359.7 | 826.0 | 18.9 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 4,856.4 | 4,460.2 | 396.2 | 8.9 | 7,347.5 | -2,491.1 | -33.9 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.